THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA
TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. info@kamratalperiti.org
WEBSITE. www.kamratalperiti.org

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
**02/2019**
**30 ta' Jannar 2019**

## Kamra tal-Periti

## Benefiċċju tal-Housing

Il-Kunsill tal-Kamra tal-Periti jilqa' b'sodisfazzjoni l-fatt li waħda mir-rakkomandazzjonijiet fir-reazzjoni tagħha għall-White Paper fuq ir-riforma fis-suq tal-kera ġiet introdotta iktar kmieni llum wara nofsinhar mill-Ministru Edward Scicluna u s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes. Il-Kamra tal-Periti kienet ippubblikat ir-reazzjoni tagħha fit-30 ta' Novembru 2018, li kienet tinkludi numru ta' proposti u osservazzjonijiet, fosthom riforma tas-sussidju tal-kera f'*allowance* tal-*housing* simili għall-benefiċċju tal-*housing* li jeżisti fir-Renju Unit.

Kienet irrakkomandat ukoll, iżda, li l-Gvern għandu jara li ż-żjieda fil-likwidità fis-suq tal-kera flimkien maż-żjieda fil-popolazzjoni ma toħloqx pressjonijiet inflazzjonarji. Għaldaqstant, il-Kamra hija tal-fehma li l-Gvern għandu josserva mill-qrib l-effetti ta' din ir-riforma fuq is-suq tal-kera b'mod kontinwu sabiex ikun jista' jaġġusta l-bilanċ bejn l-affordabiltà u l-inflazzjoni tal-kera.

Madanakollu, din il-miżura waħedha mhix ser issolvi l-problema tal-affordabiltà tal-*housing*. Il-Kamra tal-Periti tittama li tiltaqa' mal-Onorevoli Roderick Galdes fil-futur qarib sabiex tiddiskuti f'iktar dettall il-proposti l-oħra li kienet għamlet sabiex tippromwovi l-affordabiltà fis-suq tal-kera.

It-test komplut tas-sottomissjoni uffiċjali dwar il-White Paper fuq ir-Riforma tal-Kera li għamlet il-Kamra jinstab fil-link sottostanti.

https://kamratalperiti.org/press/